A.L. 13 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni flimkien mal-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2004.

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"l-avviż" tfisser l-avviż bil-miktub imsemmi fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti; L.N. 128 of 1994.

"l-Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku;

"ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur" tfisser ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur.

Immunità minn responsabbiltà kriminali u eżenzjoni minn ħlas.

3. Kull min fid-data li fiha jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti kellu responsabbiltà kriminali skond l-artikolu 57 ta' l-Ordinanza, u,

jew skond ir-regolament 18 tar-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, jingħata immunità minn din ir-responsabbiltà kriminali u eżenzjoni sħiħa jew parzjali mill-ħlas ta' arretrati fuq ħlasijiet tal-liċenza tat-triq dovuti lill-Awtorità wara li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti.

Avviż bil-mitkub dwar mankanza lill-Awtorità.

4. Fi żmien perijodu ta' sitt xhur mid-data li fiha jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-perijodu ta' regolarizzazzjoni, kull persuna li għaliha japplika r-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, għandha tingħata avviż bil-miktub lill-Awtorità dwar in-nuqqas tagħha u dwar l-intenzjoni tagħha li tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha skond dawn ir-regolamenti.

Ħlas amministrattiv.

5. L-avviż għandu jkun indirizzat u ippreżentat lit-Taqsima dwar Arretrati ta' Dħul fi ħdan l-Awtorità u miegħu għandu jiġi ppreżentat ħlas amministrattiv ta' ħmistax-il lira Maltin.

Iżda, kull avviż li ma jkunx akkumpanjat mill-ħlas preskritt ma jkunx jikkostitwixxi avviż validu skond ir-regolament 4.

Vetturi skrappjati.

6. Avviż fir-rigward ta' liċenza li tappartjeni lil vettura li tkun ġiet skrappjata mingħajr il-formalitajiet meħtieġa kif mitlub fir-regolament 26 tar-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, għandu jkun akkumpanjat minn affidavit għal dak l-iskop. Kull min jippreżenta avviż validu skond dan ir-regolament jibbenefika minn eżenzjoni totali mir-responsabbiltà kriminali u mill-ħlas ta' arretrati dovuti minnu għar-rigward tal-liċenza ta' l-imsemmija vettura skond l-Ordinanza u r-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur.

Vetturi li se jkunu jiġu skrappjati.

7. Kull min jissottometti avviż fir-rigward ta' liċenza li tappartjeni lil vettura li jkun se jiskrappja, għandu jibbenefika minn eżenzjoni sħiħa mill-ħlas ta' l-arretrati kollha ta' ħlasijiet tal-liċenza li kellhom isiru fir-rigward ta' l-imsemmija vettura u għandu jkun eżenti mir-responsabbiltà kriminali jekk u meta jissodisfa r-rekwiżiti tar-regolament 26 tar-regolamenti dwar il-vetturi b'mutur:

Iżda jekk dik il-persuna tonqos milli tissodisfa l-obbligi ta' dan ir-regolament fi żmien mhux aktar minn xahar minn meta jagħlaq il-perijodu ta' regolarizzazzjoni, dik il-persuna titlef id-dritt li tibbenefika mir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u tibqa' soġġetta għal proċeduri kriminali u responsabbiltà ċivili skond l-Ordinanza u r-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur.

Vetturi garaxxjati.

8. Kull min jissottometti avviż fir-rigward ta' liċenza li tappartjeni lil vettura li ma tkunx għadha tintuża fit-triq iżda li ma tkunx ġiet garaxxjata skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18(4) tar-

regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, jibbenefika minn tnaqqis ta' sitta u sittin fil-mija ta' l-arretrati tal-ħlasijiet kollha tal-liċenza dovuti fir-rigward ta' l-imsemmija vettura u jiġi eżentat mir-responsabbiltà kriminali jekk u meta jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-imsemmija regolamenti u jħallas l-ammont imnaqqas ta' l-arretrati dovuti minnu:

Iżda jekk dik il-persuna tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha skond dan ir-regolament fi żmien mhux aktar minn xahar minn meta jagħlaq il-perijodu ta' regolarizzazzjoni, dik il-persuna titlef id-dritt li tibbenefika mir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u tibqa' soġġetta għal proċeduri kriminali u responsabbiltà ċivili skond l-Ordinanza u r-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur.

Vetturi li ma jkunux se jiġu skrappjati jew garaxxjati.

9. Kull min jippreżenta avviż fir-rigward ta' liċenza li tappartjeni lil vettura li ma tkunx se tiġi garaxxjata skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18(4) tar-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, jibbenefika minn tnaqqis ta' tlieta u tletin fil-mija ta' l-arretrati tal-ħlasijiet kollha tal-liċenza dovuti fir-rigward ta' l-imsemmija vettura u jiġi eżentat mir-responsabbiltà kriminali jekk u meta jħallas l-ammont ta' arretrati mnaqqsa dovuti minnu u wkoll il-ħlas sħiħ tal-liċenza għas-sena korrenti:

Iżda jekk dik il-persuna tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha skond dan ir-regolament fi żmien mhux aktar minn xahar minn meta jagħlaq il-perijodu ta' regolarizzazzjoni, dik il-persuna titlef id-dritt li tibbenefika mir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u tibqa' soġġetta għal proċeduri kriminali u responsabbiltà ċivili skond l-Ordinanza u r-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur.

Pjanċi qodma tan-numri.

10. Kull vettura li, ma għeluq xahar mill-perijodu tar-regolarizzazzjoni, ikun għad għandha l-pjanċi bin-numri ta' identifikazzjoni allokati mill-Kummissarju tal-Pulizija qabel l-1995, titqies li ġiet skrappjata fir-reġistri ta' l-Awtorità. Biex l-imsemmija vettura tkun tista' terġa' tintuża fit-triq, trid terġa' tiġi reġistrata mill-ġdid u ssir valutazzjoni ġdida mill-Awtorità.